REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/273

tat-23 ta' Frar 2022

dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjonijiet ta' *Lacticaseibacillus rhamnosus* IMI 507023, *Pediococcus pentosaceus* IMI 507024, *Pediococcus pentosaceus* IMI 507025, *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507026, *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507027 u *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507028 bħala addittivi fis-silaġġ għall-ispeċijiet kollha tal-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri biex tingħata tali awtorizzazzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' preparazzjonijiet ta' *Lacticaseibacillus rhamnosus* IMI 507023, *Pediococcus pentosaceus* IMI 507024, *Pediococcus pentosaceus* IMI 507025, *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507026, *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507027 u *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507028. Ma' dawk l-applikazzjonijiet intbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjonijiet jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjonijiet ta' *Lacticaseibacillus rhamnosus* IMI 507023, *Pediococcus pentosaceus* IMI 507024, *Pediococcus pentosaceus* IMI 507025, *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507026, *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507027 u *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507028 bħala addittivi fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, biex jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi".

(4) Fl-opinjonijiet tagħha tat-23 ta' Ġunju 2021 ([2]), ([3]), ([4]), ([5]), ([6]), ([7]) l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, il-preparazzjonijiet ta' *Lacticaseibacillus rhamnosus* IMI 507023, *Pediococcus pentosaceus* IMI 507024, *Pediococcus pentosaceus* IMI 507025, *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507026, *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507027 u *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507028 ma għandhomx effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-sikurezza tal-konsumaturi, jew fuq l-ambjent. Ikkonkludiet ukoll li jenħtieġ li l-addittivi jitqiesu bħala sensitizzaturi respiratorji, u indikat li ma jistgħux jintlaħqu konklużjoni dwar il-potenzjal li l-addittivi jikkawżaw irritazzjoni fl-għajnejn u fil-ġilda jew dwar il-potenzjal ta' effett ta' sensitizzazzjoni tal-ġilda tal-addittivi. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa biex jiġu evitati effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittivi. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-preparazzjonijiet ikkonċernati għandhom il-potenzjal li jtejbu il-preżervazzjoni tan-nutrijenti fis-silaġġ meta jkunu ppreparati ma' materjal li huwa faċli li jiġi insilat, u ma' materjal li hu moderatament diffiċli li jiġi insilat. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittivi fl-għalf ippreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) EFSA Journal 2021;19(7):6700.
([3]) EFSA Journal 2021;19(7):6701.
([4]) EFSA Journal 2021;19(7):6702.
([5]) EFSA Journal 2021;19(7):6703.
([6]) EFSA Journal 2021;19(7):6704.
([7]) EFSA Journal 2021;19(7):6705.

(5) Il-valutazzjoni tal-preparazzjonijiet ta' *Lacticaseibacillus rhamnosus* IMI 507023, *Pediococcus pentosaceus* IMI 507024, *Pediococcus pentosaceus* IMI 507025, *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507026, *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507027 u *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507028 turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 huma ssodisfati. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-użu ta' dawk il-preparazzjonijiet jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjonijiet speċifikati fl-Anness, huma tal-kategorija tal-addittivi, "addittivi teknoloġiċi" fil-grupp funzjonali "addittivi tas-silaġġ", huma awtorizzati biex jintużaw bħala addittivi fin-nutrizzjoni tal-annimali, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Additttiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU tal-additttiv/kg ta' materjal verġni			
Kategorija ta' additttivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: additttivi tas-silaġġ								
1k21701	*Lacticaseibacillus rhamnosus* IMI 507023	*Kompożizzjoni tal-additttiv:* Preparazzjoni ta' *Lacticaseibacillus rhamnosus* IMI 507023 li fiha minimu ta' 1 × 10 CFU/g tal-additttiv. Forma solida *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:* Ċelloli vijabbli ta' *Lacticaseibacillus rhamnosus* IMI 507023. - *Metodu analitiku* ([1]) — Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE) — L-enumerazzjoni fl-additttivi fl-għalf: Il-metodu tat-tifrix fuq agar ta' stafilokokku reżistenti għall-meticillina (EN 15787).	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Kontenut minimu tal-additttiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala additttivi tas-silaġġ: 1×10^9 CFU/kg ta' materjal verġni, kemm li hu faċli li jiġi insilat, kif ukoll dak li hu moderatament diffiċli ([2]). 3. L-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi xierqa għall-utenti tal-additttiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, biex jindirizzaw il-perikli li jistgħu jirriżultaw mill-użu tiegħu: Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu permezz ta' dawn il-proċeduri u miżuri, l-additttiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, inkluż bi protezzjoni għall-ġilda, għall-għajnejn u għan-nifs.	16.3.2032

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports

([2]) Foraġġ li huwa faċli li jiġi insilat: >3 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni; foraġġ li hu moderatament diffiċli li jiġi insilat: 1,5-3,0 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 tal-25 ta' April 2008 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' additttivi fl-għalf (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1).

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU tal-addittiv/kg ta' materjal verġni			
Kategorija ta' addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silaġġ								
1k21016	*Pediococcus pentosaceus* IMI 507024	*Kompożizzjoni tal-addittiv:* Preparazzjoni ta' *Pediococcus pentosaceus* IMI 507024 li fiha minimu ta' 1 × 10 CFU/g tal-addittiv. Forma solida *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:* Ċelloli vijabbli ta' *Pediococcus pentosaceus* IMI 507024. *Metodu analitiku* (1) — Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE) — L-enumerazzjoni fl-addittiv fl-għalf: Il-metodu tat-tifrix fuq agar ta' stafilokokku reżistenti għall-meticillina (EN 15786).	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittivi tas-silaġġ: 1×10^9 CFU/kg ta' materjal verġni, kemm li hu faċli li jiġi insilat, kif ukoll dak li hu moderatament diffiċli (2). 3. L-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi xierqa għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, biex jindirizzaw il-perikli li jistgħu jirriżultaw mill-użu tiegħu: Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu permezz ta' dawn il-proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, inkluż bi protezzjoni għall-ġilda, għall-għajnejn u għan-nifs.	16.3.2032

(1) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports

(2) Foraġġ li huwa faċli li jiġi insilat: >3 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni; foraġġ li hu moderatament diffiċli li jiġi insilat: 1,5-3,0 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 tal-25 ta' April 2008 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' addittivi fl-għalf (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1).

Numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Additttiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU tal-additttiv/kg ta' materjal verġni			
Kategorija ta' additttivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: additttivi tas-silaġġ								
1k21017	*Pediococcus pentosaceus* IMI 507025	*Kompożizzjoni tal-additttiv:* Preparazzjoni ta' *Pediococcus pentosaceus* IMI 507025 li fiha minimu ta' 1 × 10 CFU/g tal-additttiv. Forma solida *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:* Ċelloli vijabbli ta' *Pediococcus pentosaceus* IMI 507025. *Metodu analitiku* ([1]) — Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE) — L-enumerazzjoni fl-additttiv fl-għalf: Il-metodu tat-tifrix fuq agar ta' stafilokokku reżistenti għall-meticillina (EN 15786).	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Kontenut minimu tal-additttiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala additttivi tas-silaġġ: 1×10^9 CFU/kg ta' materjal verġni, kemm li hu faċli li jiġi insilat, kif ukoll dak li hu moderatament diffiċli ([2]). 3. L-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi xierqa għall-utenti tal-additttiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, biex jindirizzaw il-perikli li jistgħu jirriżultaw mill-użu tiegħu: Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu permezz ta' dawn il-proċeduri u miżuri, l-additttiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, inkluż bi protezzjoni għall-ġilda, għall-għajnejn u għan-nifs.	16.3.2032

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports

([2]) Foraġġ li huwa faċli li jiġi insilat: >3 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni; foraġġ li hu moderatament diffiċli li jiġi insilat: 1,5-3,0 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 tal-25 ta' April 2008 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' additttivi fl-għalf (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1).

Numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Additttiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU tal-additttiv/kg ta' materjal verġni			
Kategorija ta' additttivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: additttivi tas-silaġġ								
1k21601	*Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507026	*Kompożizzjoni tal-additttiv:* Preparazzjoni ta' *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507026 li fiha minimu ta' 1 × 10 CFU/g tal-additttiv. Forma solida *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:* Ċelloli vijabbli ta' *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507026. *Metodu analitiku* ([1]) — Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE) — L-enumerazzjoni fl-additttivi fl-għalf: Il-metodu tat-tifrix fuq agar ta' stafilokokku reżistenti għall-meticillina (EN 15787).	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Kontenut minimu tal-additttiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala additttivi tas-silaġġ: 1×10^9 CFU/kg ta' materjal verġni, kemm li hu faċli li jiġi insilat, kif ukoll dak li hu moderatament diffiċli ([2]). 3. L-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi xierqa għall-utenti tal-additttiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, biex jindirizzaw il-perikli li jistgħu jirriżultaw mill-użu tiegħu: Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu permezz ta' dawn il-proċeduri u miżuri, l-additttiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, inkluż bi protezzjoni għall-ġilda, għall-għajnejn u għan-nifs.	16.3.2032

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports

([2]) Foraġġ li huwa faċli li jiġi insilat: >3 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni; foraġġ li hu moderatament diffiċli li jiġi insilat: 1,5-3,0 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 tal-25 ta' April 2008 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' additttivi fl-għalf (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1).

Numru ta' identifikazzjoni tal-additiv	Additiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU tal-additiv/kg ta' materjal verġni			
Kategorija ta' additivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: additivi tas-silaġġ								
1k21602	*Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507027	*Kompożizzjoni tal-additiv:* Preparazzjoni ta' *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507027 li fiha minimu ta' 1 × 10 CFU/g tal-additiv. Forma solida *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:* Ċelloli vijabbli ta' *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507027. - *Metodu analitiku* (1) — Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE) — L-enumerazzjoni fl-additivi fl-għalf: Il-metodu tat-tifrix fuq agar ta' stafilokokku reżistenti għall-meticillina (EN 15787).	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Kontenut minimu tal-additiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala additivi tas-silaġġ: 1×10^9 CFU/kg ta' materjal verġni, kemm li hu faċli li jiġi insilat, kif ukoll dak li hu moderatament diffiċli (2). 3. L-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi xierqa għall-utenti tal-additiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, biex jindirizzaw il-perikli li jistgħu jirriżultaw mill-użu tiegħu: Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu permezz ta' dawn il-proċeduri u miżuri, l-additiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, inkluż bi protezzjoni għall-ġilda, għall-għajnejn u għan-nifs.	16.3.2032

(1) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports

(2) Foraġġ li huwa faċli li jiġi insilat: >3 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni; foraġġ li hu moderatament diffiċli li jiġi insilat: 1,5-3,0 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 tal-25 ta' April 2008 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' additivi fl-għalf (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1)

Numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Additttiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU tal-additttiv/kg ta' materjal verġni			
Kategorija ta' additttivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: additttivi tas-silaġġ								
1k21603	*Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507028	*Kompożizzjoni tal-additttiv:* Preparazzjoni ta' *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507028 li fiha minimu ta' 1 × 10 CFU/g tal-additttiv. Forma solida *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:* Ċelloli vijabbli ta' *Lactiplantibacillus plantarum* IMI 507028. *Metodu analitiku* (1) — Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE) — L-enumerazzjoni fl-additttivi fl-għalf: Il-metodu tat-tifrix fuq agar ta' stafilokokku reżistenti għall-meticillina (EN 15787).	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Kontenut minimu tal-additttiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala additttivi tas-silaġġ: 1×10^9 CFU/kg ta' materjal verġni, kemm li hu faċli li jiġi insilat, kif ukoll dak li hu moderatament diffiċli (2). 3. L-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi xierqa għall-utenti tal-additttiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, biex jindirizzaw il-perikli li jistgħu jirriżultaw mill-użu tiegħu: Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu permezz ta' dawn il-proċeduri u miżuri, l-additttiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali xieraq, inkluż bi protezzjoni għall-ġilda, għall-għajnejn u għan-nifs.	16.3.2032

(1) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports

(2) Foraġġ li huwa faċli li jiġi insilat: >3 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni; foraġġ li hu moderatament diffiċli li jiġi insilat: 1,5-3,0 % ta' karboidrati li jinħallu fil-materjal verġni f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 tal-25 ta' April 2008 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' additttivi fl-għalf (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1).